



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2113(DEC)

8.12.2014

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 (2014/2113(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jqisu li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri (Frontex) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Frontex fil-31 ta' Diċembru 2013, kif ukoll ir-riżultati tat-tranżazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus għas-sena li ntemmet f'dik id-data, u li jippreċiżaw, barra minn hekk, li b'nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-problemi rigward it-tranżazzjonijiet ta' sussidji tal-2013 fil-qasam tat-tranżazzjonijiet art/baħar/ajru konġunti, it-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali tal-Frontex għas-sena finanzjarja 2013 huma skont il-liġi u regolari f'kull aspekk materjali;
2. Jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-evidenzi ta' verifika dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet art/baħar/ajru konġunti jibqgħu insuffiċjenti, imma li l-inċidenti eventwali ta' din is-sitwazzjoni m'għadhomx ġeneralizzati, kuntrarju għas-sena ta' qabel; Jilqa' għalhekk f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni mill-Frontex ta' sistema aktar kompluta tal-verifiki ex ante għall-ftehimiet ta' għoti mill-bidu ta' Ġunju 2013;
3. Jenfasizza li, minħabba l-karattru pluriennali tat-tranżazzjonijiet ta' Frontex u r-riskju miżjud tal-avvenimenti imprevisi li jikkostitwixxu sfida partikolari fir-rigward tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit annwali, huwa dejjem possibbli li jitjieb il-kontroll baġitarju sabiex jitnaqqas il-livell tar-riporti;
4. Jieħu nota tar-rimarki tal-Qorti tal-Awdituri skont liema ftehim komprensiv tal-kwartieri ġenerali mal-Istat Membru ospitanti jsaħħaħ it-trasparenza tal-kundizzjonijiet li fihom joperaw il-Frontex u l-persunal tiegħu; Jieħu nota tat-tweġiba tal-Frontex skont liema, minn naħa, għaddejjin skambji mal-awtoritajiet Pollakki u, mill-oħra, il-monitoraġġ u l-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu f'dan ir-rigward jaqgħu biss taħt skala limitata tas-setgħa li għandu;
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-Frontex, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom dan ikun uża l-approprijazzjonijiet tiegħu sabiex iwettaq il-kompiti mogħtija lilu;